| AVVIŻI<br>PARROĊĊA KONVERŻJONI TA’ SAN PAWL<br>SAFI |
|---|

## Ia-17 u l-24 ta’ Settembru it-24 u il-25 Ħadd ta’ Matul is-Sena

| Data | Avviżi |
|---|---|
| **Il-Ħadd 17 ta’ Settembru** | • Il-Ġabra illum ser tkun għall-bżonnijiet tal-Knisja fl-Art Mqaddsa. |
| **Il-Ħadd 24 ta’ Settembru** | • Fil-quddiesa ta’ 9am ser ikun hemm it-tberik tat-tfal u l-għalliema fil-bidu ta’ sena skolastika ġdida. Ġibu magħkom il-basktijiet tal-iskola. |
| **Il-Ħamis 28 ta’ Settembru** | • Fis-7.15pm ikun hemm il-laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| **Il-Ħadd 1 ta’ Ottubru** | • Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-5.30pm tibda il-quddiesa u wara purċissjoni li fiha tingħad it-talba tar-Rużarju. Il-Purċissjoni tghaddi minn Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knsija għall-Knisja Parrokkjali. |
| | **AVVIŻI OĦRA** |
| **Reġistrazzjoni tfal tal-Ewwel tqarbina** | • Dawk li għadhom ma rreġistrawx lil uliedhom għall-ewwel tqarbina fil-Museum tal-bniet jew dak tas-subien huma mitluba li jagħmlu dan.<br>• Il-Ħinjiet tal-katekiżmu fl-oqsma tal-Museum għas-snin kollha huma miktuba fuq in-notice board tal-Knisja. |
| **Ġbir Parroċċa** | • Matul din il-Ġimgħa daħlu:<br>• € 255 bħala ġabra tal-Ħadd 10 ta’ Settembru.<br>• € Bħala ġabra tal-Ħadd 17 ta’ Settembru. |
| **Kunsill Lokali** | • Il-Ħadd 17 ta’ Settembru ser jorganizza clean up fiż-żona tal-Ħlantun, Triq it-Torri ta’ Gawhar uTriq San Anton mill-10.00am sa 2pm.<br>• Sa jsir kors b’xejn għal dawk minn 55 sena ‘il fuq u persuni b’diżabilita’ fis-sala tal-Kunsill Lokali ta’ Hal Safi. Is-suġġetti huma dwar l-użu tat-teknoloġija bħal mobiles, komputers, xiri onlajn u oħrajn. Biex tirriserva post, ikkuntattja l-Kunsill Lokali. Il-Kors sa jibda mill-Ħamis 12 t’Ottubru fl-10.30am. |